MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Numru. 390/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Saviour Baldacchino]**

**vs**

**Francois Ellul**

**Rowena Garcia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmijin Francois Ellul detentur tal-karta tal-identita` numru 113989(M) u Rowena Garcia denentrici tal-karta tal-identita` numru 235191(M).

Akkuzati talli:

1. Nhar it-18 ta' Jannar 2012 gewwa dawn il-gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, li jikkonsistu f'Apple I-Pad ta' valur ta' madwar tmien mitt Ewro (€800), liema oggett jappartjeni lill-Paul Apap Bologna detentur tal-karta tal-identita` numru: 70372M minn Hal-Lija

Akkuzati wkoll talli saru recidivi b'diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi ma jistghux jigu mnaqqsa jew mibdula.

Rat il-fedini penali tal-imputati li huma refrattarji.

Rat l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih dawn il-poceduri gew trattati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri huma a bazi tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet u cioe' fuq pussess ta' oggett misruq (Ipad) liema oggett gie allegatament mixtri mill-imputati bil-konoxxjenza illi dan kien misruq.

Illi l-fatti tal-kaz skont ix-xhieda tal-**<u>Ispettur Saviour Baldacchino</u>** kienu illi fit-tmintax (18) ta' Jannar 2012 certu Paul Apap Bologna mar jaghmel rapport l-ghassa illi gewwa tas-Sliema kien insteraqlu l-Ipad minn gol-vettura tieghu. Illi dan l-Ipad gie sussegwentement intraccjat mill-istess pulizija fl-inhawi ta' triq partikolari fl-Imsida u minn hemmhekk ma ccaqlaqx. Sussegwentement instabu l-imputati go karrozza hdejn id-Detox bl-Ipad f'idejhom. Dawn qalulu illi dan l-Ipad kienu ghadhom kif xtrawh minghand certu Renaldu Rotin izda qalu li ma kienux jafu li kien misruq. Sussegwentement Renaldu Rotin gie mressaq il-Qorti fuq serq tal-Ipad u hu ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih.

Xehed ukoll **<u>Renaldo Rotin</u>** illi kkonferma li kien ried ibiegh l-Ipad li kien ghadu kif seraq mill-vettura ta' Paul Apap Bologna lil Francois Ellul ghall-prezz ta' mitt Ewro (EUR 100) lil Francois Ellul. Mieghu kien hemm ukoll l-akkuzata l-ohra Rowena Garcia. Rotin jghid illi huwa ltaqa' mal-akkuzati l-Marsa b'kumbinazzjoni meta kien qed jistenna tal-Linja u staqsa lill-imputat Ellul jekk riedx jixtri Ipad. Huwa jixhed li fil-fatt dan l-Ipad kien misruq izda l-imputati ma qalu xejn u haduh bil-patt li kellhom ihallsuh aktar tard. Dan ix-xhud qal ukoll illi huma ma lahqux hallsuh ghaliex hu kien arrestat.

Rat l-istqarrijiet tal-imputati kif ukoll il-kumplament tax-xhieda prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet b’mod orali.

Ikkunsidrat illi tenut kont tal-addebiti precedenti tal-imputati li kienu jikkonsistu f’reati ta’ serq u stante x-xhieda ta’ Renaldo Rotin, li kien gie precedentement iggudikat fuq ir-reat tieghu a rigward l-istess oggett u li ma kellu l-ebda motiv ghaliex xehed kif xehed u r-raguni li hu gie iggudikat qabel dawn l-akkuzati kien probabilment ghaliex huwa ammetta mill-ewwel. Illi d-dubju li pprova jinstiga id-difiza fit-trattazzjoni taghha bl-ebda mod m’ghandha bazi li twassal lil din il-Qorti sabiex tiddubita mill-grad tal-prova li lahqet il-prosekuzzjoni.

Illi skond il-gurisprudenza sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tliet elementi u cioe' :

1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;

2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; u

3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni.[1]

Fil-kawza kriminali bl-ismijiet ***Il-Pulizija v Darren Debono***[2] intqal mill-Qorti illi :

> «L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. John Briguglio"** [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-
>
> "*Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghlaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni.*"

Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu.[3]

---

[1] App. Krim ***Il-Pulizija vs. Bugelli*** (Dec 24.1.1942)**;** ***Il-Pulizija vs. Giovanni Grima*** (Dec 25.10.2002).

[2] App. Krim (Dec 15.01.2009).

[3] ara App. Krim. ***Il-Pulizija vs. J. Briguglio*** (24.6.1961); ***Il-Pulizija vs. John Dimech*** (24.6.1961); *Il-Pulizija vs. George Tabone* (24.6.1961) u ***Il-Pulizija vs. Tancred Borg*** (26.10.1998).

Intqal ukoll illi x-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. [4]

L-awtur Kenny jghid fuq dan is-suggett illi:

> *"The knowledge : The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously … ormaking no written entry of having bought them."*

Illi dan kollu jinkwadra perfettament mal-fatti tal-kaz in ezami. Illi l-imputati jew almenu l-imputat Ellul kien jaf lil Renaldo Rotin. Renaldo Rotin jghid illi huwa kien qallhom lill-imputati li l-Ipad kien misruq. Illi z-zewg imputati ma rrimarkaw xejn ghal dan il-fatt izda minflok hadu l-Ipad maghhom. Dan il-fatt jimmilita kontra z-zewg imputati illi huma accettaw dak li kien qed joffrilhom Renaldo Rotin u ghalkemm l-imputata Rowena Garcia forsi kellha rwol sekondarju, hija xorta wahda ma qalet xejn izda laqghet ghandha l-oggett misruq.

[4] Ara App. Krim. ***Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo*** (21.3.1953); ***Il-Pulizija vs.***

***Nazzareno Zarb*** (16.12.1998).

Dan kollu jimmilita kontra z-zewg imputati u l-Qorti thoss li ghandhom jinstabu hatja tal-akkuza kif dedotta kontrihom u gialadarba li huma ghandhom it-tnejn l-addebitu tar-recidiva li gew ippruvati permezz ta’ sentenzi esebiti in atti, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 279 (a) u 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputati **Francois Ellul** u **Rowena Garcia** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u tikkundannhom ghal hames (5) xhur prigunerija kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------